# Appendiċi I – Linji Gwida

## Proċess għall-Ġemellaġġ - *Checklist*

Is-sussegwenti hija l-proċedura li għandha tiġi segwita sabiex tinkiseb l-approvazzjoni Ministerjali fir-rigward ta’ Ftehim ta' Ġemellaġġ.

L-applikazzjoni (Appendiċi II) sottomessa mill-Kunsill Reġjonali/Lokali għandha tinkludi dan li ġej:

i. rapport qasir fuq il-belt jew raħal propost;

ii. l-għan tal-ġemellaġġ propost;

iii. is-similaritajiet bejn il-pajjiżi li bejnhom ser isir il-ġemellaġġ billi jipprovdu rapport dettaljat fuq il-villaġġi, ibliet, jew kommunitajiet inklużi fil-proposta tal-ġemellaġġ;

iv. dikjarazzjoni ffirmata mis-Segretarju Eżekuttiv li dan ir-rapport kien diskuss u saħansittra approvat mill-Kunsill. Din id-dikjarazzjoni trid tkun akkumpanjata b’estratt tal-minuti fejn tindika ċar li din il-proposta ta’ ġemellaġġ kienet ġiet approvata għas-sottomissjoni;

v. *Twinning Work Plan* li jinkludi l-proposta, l-estimi finanzjarji tan-nefqa li ser jagħmel il-Kunsill relatata mal-ġemellaġġ u r-riżultati u l-benefiċċji mistennija.

vi. in-nefqa relatata mal-ivjaġġar u l-ospitalità tal-ġemellaġġ u ċ-ċerimonja tal-ftehim, li ssir lokalment u/jew barra minn Malta, m’għandiex taċċedi it-€3,500 jew 0.5% tal-allokazzjoni finanzjarja tal-Kunsill għal dik is-sena finanzjarja, skont liema tkun l-ogħla;

vii. dikjarazzjoni ta' kwalunkwe spejjeż oħra, relatati ma’ ftehim ta’ ġemellaġġi/ kooperazzjonijiet oħra, li nħarġu matul is-sena kurrenti.